MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Numru 1130/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**versus**

**Joseph Micallef**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra Joseph Micallef ta’ 16-il sena bin Joseph u Dorianne nee Polidano imwieled Pieta’ nhar it-13 ta’ Marzu 1990 u residenti no.121 Triq Rużar Briffa Mosta detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 151290 (M)

1. Akkużat talli ġewwa l-Mosta nhar l-10 t’Awissu 2006 għall-ħabta tas-6.15 pm irrenda ruħu kumpliċi billi ttanta jew ħajjar jikkorrompi lill-PC 931 Carmel Zarb u lill-PC 1068 Bernard Wood, it-tnejn uffiċjali jew impjegati pubbliċi

u dan in konnessjoni mal-kariga jew l-impieg ta' uffiċjali tal-Pulizija billi offra xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor lill-istess PC Carmel Zarb u lill-PC 1068 Bernard Wood li għalihom l-istess uffiċjali tal-Pulizija msemmija ma kellhomx il-jedd b'dan l-iskop ta' ħlas, tal-wegħda jew ta' l-offerta kien sabiex l-istess PC 931 Carmel Zarb u lill-PC 1068 Bernard Wood jonqsu li jagħmlu dak li hu fid-dmir tagħhom li jagħmlu.

2. Talli fl-istess perjodu, ħin u ċirkostanzi naqas li jobdi ordni leġittima mogħtija lilu mill-Pulizija PC 931 Carmel Zarb u PC 1068 Bernard Wood, persuni inkarigati mil-Liġi u minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu l-qadi ta' dmirijiethom.

3. Talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jaġġmel użu temporanju saq vettura BNA-001 kemm b'forza mekkanika jew b'mod ieħor naqas li jkollu permess tas-sid jew awtorita' kompetenti oħra.

4. Talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża.

5. Talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi naqas li jieqaf fuq Stop-Sign.

6. Talli saq l-imsewmmija vettura numru BNA-001 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan taħt Kat 'B' mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex isuq l-imsemmija vettura.
7.B'hekk ma kienx kopert bil-Polza tas-Sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imputat ikun skwalifikat milli jieħu jew ikollu xi liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar. U dan ai termini ta' l-artikolu 61(1) tal-Kap 65, l-artikolu 15(1)(a)(2), il-KAp 65,artikolu 15(1)(a)(3), il-Kap 65 L.N.191/02 u l-artikolu 3 tal-Kap 104.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, liema kunsens huwa datat 26 t’Ottubru, 2006.

Rat il-kunsens ta’ l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji.

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat għall-imputazzjonijiet kollha liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata żmien xieraq biex jirrifletti fuqha.

Galadarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kontra tiegħu, dawn ġew ippruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 37, 41, 42, 120(2), 288 u 338(ee) tal-Kap 9, l-artikoli 15(1)(a)(2), 15(1)(a)(3), 61(1), tal-Kap 65, l-Avviż Legali 94/69, l-Avviż Legali 191/02 u l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kap 104 qed issib lill-imputat ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Dwar il-piena, stante l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-applikazzjoni ta’ l-artikoli 37 tal-kap 9 għax kien għadu taħt it-18-il sena, għall-ewwel tliet imputazzjonijiet, il-Qorti, flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sentejn (2) mil-lum

Dwar ir-raba’, il-ħames, s-sitt u s-seba’imputazzjoni, wara li rat l-artikoli msemmija hawn fuq kif ukoll l-artikoli 17(f), 31(f) u 37 tal-kap 9 qed tikkundannah iħallas multa ta’ ħamsa u sebgħin lira Maltija (Lm75).

Il-Qorti qed tordna wkoll li l-imputat ma jista’ jkollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta’ tnax-il xahar mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------